# "DMIR IT-TABIB"

" DMIR IT - TABIB "

# " DMIR IT - TABIB "

## ATT UNIKU

## TA'

## LUIGI PIRANDELLO

Maqlub ghal Malti u Addattat ghal Palk Malti minn

CHARLES ATTARD.

KARATTRI:

TOMMASO CORSI ... ... ... . . . . . . . . .

ANNA, il-mara tighu ... ... . . . . . . . . .

Is-Sinjura Reis, Omm Anna ... . . . . . . . . .

TITO LECCI, Tabib ... ... . . . . . . . . .

FRANCO CIMETTA, Avukat... ... . . . . . . . . .

ROSA, Kamriera ... ... ... . . . . . . . . .

PULIZIJA ... ... ... . . . . . . . . .

INFERMIER (Ma jitkellimx) ... . . . . . . . . .

Il-Grajja s-sir f'belt ta' l-Italia Meridjonali. Il-Lum.

IX-XENA: Sala fid-dar ta' Corsi, armate modestament. Tieqa bit-tendini fuq in-naha tax-xellug (tal-publiku). Zewg bibien fil-faccata. Wiehed fuq ix-xellug, li jaghti ghal kamra tas-sodda, l-iehor, fuq il-lemin. It-tnejn bil-purtieri.

Kif jiftah is-siparju, jidhru m-xena, is-Sinjura Reis u u l-pulizija. Dan ta' l-ahhar jidher bilqegheda fuq banketta hdejn il-bieb ta' fuq il-lemin, ghassa, jidher ghajjien u mdejjaq. Is-Sinjura, tidher wieqfa, wara pultruna, nervuza, liebsa l-iswed, bil-kappell, bil-velu; il-harsa taghha tixhed korla u odju. Il-mossi taghha jidhru ta' wahda li tinsab f'inkwiet kbir; kultant thares lejn il-pulizija, donna li trid tistaqsieh xi haga, imbaghad terga' ghal qaghada li kienet qabel. Fl-ahhar, tiddeciedi li tkelmu u bi sfors:

Sgra. Reis: Baqaghal~~l~~ek xejn tghasses hawnhekk?

Pulizija : Le, sinjura... Nahseb li l-lum l-ahhar.

Sgra, Reis: Il-lum? (Ferhana) Sa fl-ahhar! Allura, ser tohduh maghkhom?

Pulizija : Ghadni m'inhix sgur... Jidhirli li smajthom jghidu li ser johduh il-lum.

(Mill-bieb tal-faccata, ta' fuq ix-xellug, tidhol Rosa fuq ponot subghajha, taghlaq il-bieb warajha bla ebda hoss u tghid lis-sinjura Reis:)

Rosa : Dal-waqt gejja, Sinjura.

(Tindika l-bieb mnejn dahlet u tibqa' hierga mill-bieb tal-lemin. <u>Pawsa ftit twila</u>. Wara ftit, il-bieb ta' fuq ix-xellug jerga' jinfetah u minnu tidfacca Anna, li l-istess bhal Rosa, terga' taghlaq il-bieb bl-istess attenzjoni, igifieri bla ebda hoss. Anna, ghandha madwar it-tletin sena. Tidher li sofriet hafna u li tinsab f'qaghada ta' disperazjoni. Xarha jidher imhabbel u ghajnejha jidhru homor bil-biki u bil-ghejja. Kif tidhol fis-sala, tigri lejn omma, b'dirghajha miftuha u tintelaq f'dirghajn omma, tibki)

Anna : Mamà!... Mamà....

(Wara pawsa, tieqaf mill-biki, taghmel kuragg lilha nfisha, tersaq l-ura minn omma u tindirizza lil pulizija:)

Skùzi... Ma tistax tirtira ftit? Imqar tliet passi boghod mill-bieb.

Pulizija : Sinjura, l-ordnijiet li ghandi, huma, li ma nidharrikx minn hawn, ghal minuta wahda biss.

Anna : Imma, jekk anqas biss jista' iqum wahdu mis-sodda, x'biza hemm li jahrab?

Pulizija : Int ghandhek ragun, sinjura, imma lili.... Ara ser nitwarrab zewg passi, imma ma ndumx, sinjura...

Anna : Grazzi... Jekk trid dik il-banketta tista' tohodha mighek.

(Il-pulizija iselmilha, jaqbad il-banketta u jirtira mill-bieb tal-lemin.) (Anna mill-gdid tigri lejn omma u waqt li tghannaqha maghha:)

Mamà... Nizzik hajr minn qalbi li gejt tarani... Le, le, mamà, jiena ma nlumhekx li hallejtni wahdi.

Sgra. Reis: Jekk qegheda wahdhek, htija tighek... Int ma riedtx tigi mighi... Int riedt tibqa' hawn, biex tkun prezenti ghal dawn ix-xeni sbieh... Hekku, f'liema qaghada tinsab.

Anna : Imma, mamà... Kif stajt inhallieh wahdu? Jiena nizzik hajr li mighek hadtli lit-tfal... Kif inhuma, mamà? Didi? Federico?

Sgra. Reis: It-tfal jinsabu tajbin. Anna, milli nista' nifhem int ma baqaghlhekx wisq hawn. Qaluli li ser johruh il-lum.

Anna : (Sorpriza u miblugha fl-istess hin) Il-lum??? Min qalulhek, dan???

Sgra. Reis: Il-pulizija li hawn ghassa mal-bieb.

Anna : Il-lum? Imma, ma jistax jkun... Tassew qalulhek hekk? (Tigri lejn il-bieb ta' fuq il-lemin u tghajjat lil pulizija:)

X'jismek!... Ersaq l-hawn....

(Il-pulizija jidfacca fuq il-beib; jidher li huwa konfus:)

Tassew li ser tohduh il-lum? Imma kif, hekk malajr???

Pulizija : Sgur, ma nistax nghidlek... Jidhirli li smajthom jghidu hekk.

Anna : Imma, jekk huwa ghdu fis-sodda... Il-ferita ghadha fiqitlux... Le, le... it-tabib, dan, m'hux sejjer jippermettieh... It-tabib responsabbli tighu... Ilbierah filghaxija qal li l-lum sejjer jipprova jqajmu mis-sodda ghal ftit minuti.

Sgra. Reis: U xi tghidli jekk huwa ga jista' jqum fuq riglejh?

Anna : X'inti tghid, mamà? Bilkemm jiflah jitharrek... Anqas biss jista jqum bilqegheda fis-sodda jekk ma nghinuhx ahna.

(Tersaq lejn il-bieb u tghajjat:)

Rosa! Rosa!

(Tindirizza lill-omma u lil pulizija:)

Din tkun haga kiefra....

(Tkompli tghid lil Rosa li tfaccat fuq il- bieb tal-lemin:)

Ibaghat malajar lil Enrico ghand it-tabib... Jghidlu jigi hawn malajr... bla ma jitlef minuta zmien.

Rosa : Tajjeb wisq, sinjura. (Tohrog)

Anna : Wara tant li ghamilt ghalieh... issa, li kwazi jinsab imfejjaq....

Pulizija : Sinjura... jekk ikollhok bzonn xi haga, hawn qieghed, zewg passi boghod mill-bieb.

Anna : M'ghandekx biza li ser jahrab... Mnejn hu ma jistax jitharrek.

(Il-pulizija jerga' jirtira. Anna tiftah idjeha, thares il-fuq bhal wahda iddisprata:)

: Wara dak li sofrejt, issa, ser ikollhi ngarrab dan ukoll.

Sgra.Reis: Ma riedx imut!... Bniedem vili!... Assassin!....

Anna : Le, mamà... Tghidlux hekk... Int toboghodu... int ma tridx tinsa u tahfirlu.

Sgra.Reis: Le, ma nahfirlux (B'disprexx u b'mibegheda) Noboghodu, iva... noboghodu ghal dak li gaghalhek issofri... noboghodu ghall-ghjab li tefa' fuqhek, fuq uliedek u fuq il-familja tighi kollha... Iva, b'kumpens ta' dan kollu, ghall-inqas kien imissu temm hajtu.

Anna : Iva... Kien ikun ahjar... anki ghalieh... Kien jaqbel li miet fil-pront... Imma, emminni, mamà... Huwa t-tanta inehhi hajtu dak il-hin stess.

Sgra.Reis: Jiena nemmen haga wahda... Lis-Sur Neri, huwa gharaf joqtlu b'tir wiehed... imma hu... hu ghadu haj... hemm, f'dik il-kamra.

Anna : Imma, mamà... Huwa spara ghal qalbu... M'irnexxilux....

Sgra. Reis Ghal rasu, ghal rasu kien imissu spara....

Anna : Il-faxex li ghamillu ~~[illegible]~~ t-tabib, qattaghhom minn fuqu ghal darba,darbtejn... It-tabib ried isalvah b'kull mod... Huwa ma hallieh xejn... Minn filghodu sa filghaxija, jikku - rah, il-hin kollu... Mill-banda l-ohra, zewgi ma naqasx li jaghmel hiltu biex itemm hajtu... Iva, ghamel minn kollox.

Sgra. Reis Dan, m'ghamlux ghaliex isobbieh minn dak li ghamel, imma ghaliex beza mill-konsekwenzi.

Anna : Le, mamà... Int qegheda tiggudikah hazin hafna... Int qegheda tharès biss lejn dak li qed tara b'ghajnejk.

Sgra.Reis: U tahseb li ghaliex ried itemm hajtu ma jibqax qattiel? Ghidli, ma qatlux lis-Sur Neri? Ma dahaqx bik? Ma bidlhekx mas-sinjura Neri???

Anna : Iva, iva... dan nafu....

Sgra. Reis U tghidli li qed inhares biss lejn dak li jidher...

Anna : Mamè... hemm hafna affarijiet ohra l-int ghad ma tistax tifimhom. .. Dawn, jien, nafhom wisq iktar minnek.

Sgra.Reis: Hekku.... Int qed titkellem bhalu ... l-istess kliem tighu.. Iva, qed nisthajjilni nisma lilu... Anna, bi kliem bhal dan huwa dahaq bik... u int, kont temmnu... kont moghmija warajh....

Anna : Le, le, mamà...

Sgra. Reis M'hux le, int ghadhek moghmija warajh sal-lum... int temmen dak kollu li jghidlek.

Anna. : Mamà, fid-dinja kullhadd jizbalja... Zewgi qatt ma kellu ghaqal... ma jafx jahseb.

Sgra. Reis: Bla kuxjenza, trid tghid... bla misthija... Zewgek m'ghandu ebda skruplu.

Anna : Min ma jafux, hekk jahseb... Kemm il-darba qaghadt nahseb bejni u bejn ruhi fuq ghemilu... Bhal m'ghedtlek, dak huwa n-natural tighu... Kollu ghalxejn li noqoghod inkelmu u nispiegalu... Meta naghmel dan, iħares lejja, jidbissem, jgholli spallejh u qisu ma gara xejn.. Ghalieh, hekk hi l-hajja u nghidlek li la darba n-natural tighu hu dak, m'ghandu ebda htija.

Sgra. Reis: U dan, x'aktarx li jghidulhek huwa stess hux tassew?

Anna : Iva.

Sgra. Reis: U int, bl-intelligenza tighek kollha, temmnu, tahfirlu, qisu qatt m'ghamillhek xejn.

Anna : Iva, nahfirlu, ghaliex bhal m'ghedtlek, naf li dak huwa n-natural tighu... Zewgi jghidli l-verità... ma jahbi xejn minni... Ma jafx jghid kelma b'ohra... Wiccu dejjem dahqan, ukoll jekk ikollu x'inkwiet.. Qatt ma tarah bil-buli... Ghandu 38 sena... tarah jintelaq ma' l-art jitlieghed ma' Didì u ma' Federico, qisu tifel, imbaghad, f'daqqa wahda jiddejjaq u jqum jigri... Ilna ghaxar snin mizzewga u wara daz-zmien kollu huwa ghadu mighi.. Ma hallinhix... Veru? Le, le, mamà... Xi zball, jaghmel kullhadd... ghandu d-difetti kollha, imma li jghidli kelma b'ohra, le... il-gideb, ghalieh ma jeziztix.. xaftejh, dan, ma jippermettulux... Int ma tafhux tajjeb, mamà... Il-harsa t'ghajnejh, id-dbissima tighu, jaghmlu d-dar ferhana.... Semmejtli lis-Sinjura Neri... Imma, mamà, possibbli li tridni nemmen li Tommaso, bejni u bejnha sejjer... Le, le, mamà... dak li gara ma kienx kapricc... xejn minn dan... kien zball ckejken li x'aktarx, ebda ragel ma kien jaghraf jehles minnu.

Sgra. Reis: U xi tghidli ghal hbiberija li kien hemm bejnu u bejn ir-ragel taghha?

Anna : Zewgi ma setgha jigieh ebda skruplu mill-hbiberija li kellu ghal zewga... Is-Sur Neri kien jaf tajjeb x'razza ta' mara kellu... l-ghajb li tefaghtu fieh, jaf bieh kullhadd... U jekk hawn... hawn, fi djarna stess... taht ghajnejn zewga... taht ghajnejja... bil-hars u bil-gesti taghha, ippruvat twaqqa' lil Tommaso, tahseb li dan intbaht bieh jien biss? Tahseb li Tommaso ma kienx jaf ukoll? Le, le... Minjaf kemm il-darba, jien u Tommaso konna ninfexxu nidhqu bil-blughat ta' dik il-mara...Iva, konna nidhqu flimkien... flimkien....

(Hawn tinfexx f'dahqa u f'bikja fl-istess hin)

Sgra. Reis: Int ma tafx x'int tghid.

Anna : Iva.... Bi kliemek, int, genninthni... Mamà, trid thares lejn ic-cirkostanzi... ic-cirkostanzi kienu dawn... Zewga kien jaf kollox... Kien jaf li m'hux Tommaso biss... Hija kienet tibdlu ma kullhadd... Zewga qatt ma jkkoregxgiha... Imbaghad, fl-ahhar, riedt jaghmel dik it-tragedja kollha... Fil-waqt li kien imissu qatel lil martu, huwa ipprova joqtol lil zewgi.. Lilha xejn... qisu ma kellha ebda htija... In-nies jistghu jahsbu li zewgi kellu dik il-pistola fuqu biex joqtol lil Neri... Dan huwa zbaljat wkoll... Dik il-pistola, zewgi, dejjem izommha fuqu... din, mehtiega hafna ghal hidma tighu fil-kampanja.

(Jidhlu t-tabib, Tito Lecci u l-Avukat, Franco Cimetta. L-ewwel wiehed, twil, irqiq, b'nuccali qawwi; it-tieni, aktar xwejjah, b'daqna ~~bxxkx~~ bajda u b'xaru twil, imma, iswed, mimxut l-ura.)

Ah!... Hekk t-tabib!... Int ukoll gejt, Sur Avukat?

Lecci : Sinjura Anna, ghaliex baghat ghalija hekk maljar? X'inqala millàgdid?

Anna : (Lil Cimettawaqt li turieh lill-omma) Dik hija l-mamà. (Iddur fuq Lecci:) Ghandek ragun, tabib... imma, iridu bilfors igennuni... Qaluli li sejrin johduh minn hawn il-lum stess... Veru, dan?

Lecci : Le... Dan, minn qalulhek?

Anna : Il-pulizija li hawn ghassa mal-bieb... Staqsieh... hu stess qalli.

Lecci : Ikkalma, sinjura... Ahna nimpeduhom li jaghmlu dan... tibzax.. ma nhalluhomx... Issa, immur jien stess ghand il-Kummissarju... Int tigi mieghi, Sur Avukat?

Anna : (Lill-Avukat) Iva, iva, Sur Avukat... Nitolbok... mur,mur mighu int ukoll.

Cimetta : Ghalija, lest biex nigi issa stess... M'hawn boghod wisq...

Lecci : Sinjura, m'ghandekx ghaliex tibza... Minghajr il-kunsens tighi, ma jistghux johduh minn hawn... Irrid inkun wisq sgur li huwa mfejjaq biex nahhti dan il-kunsens... Il-kura kienet delikata hafna, anzi nista' nghid li ghamilt miraklu... (Lil Cimetta) M'hux hekk, habib?

Cimetta : Int haqqek prosit tassew.

Anna : Qegheda tara, mamà? Hux sewwa ghedtlek jien? It-tabib qed jaghmel minn kollox biex iqajmu minn dik is-sodda....

Lecci : ~~Mxixxxixkixxxkxjxxxxxxxx~~ (Bla ma jaghti kaz ta' kliemha) M'ghandniex x'inghidu... Xi ftit resistenza kien hemm... Din aktarx keinet fid-delirju... Kienet resistenza qawwija ... din x'aktarx l'issiba meta jkun hemm hafna kompli - kazjonijiet... wahda aqwa mill-ohra u li ma tkunx tistennihom... F'kazi bhal dawn, igaghaluk topra lil pazient minnufieh bla ma toqoghod tahsiba xejn.. haga li haddiehor ma nafx kien jaghmila... Li qaghadt nahsiba

: u tlift minuta wahda, kieku kollox mitluf. Il-lum, nista' nghid, li kemm ili nezercita l-professjoni tighi, qatt ma kelli sodisfazzjon bhal dan.

Cimetta : (Lil/ Anna) Sinjura, nitolbok tahfirli jekk ma gejtx qabel nuri ir-rispett tighi.. Emminni, meta smajt, bqajt qisni mihlugh... Kullhadd mnixxef b'dak li gara. S'issa, f'did-dar, kien hawn bzonn biss it-tabib.. Minn issa l-quddiem, b'xorti hazina, ser ikun hawn bzonni ukoll. Gejt bla ma qaghadt xixgxxmmxxxxhxxxx nistenna nigi msejjah... Naf kemm kienet kbira l-fiducja li kellà fija Tommaso.

Lecci : Sinjura Anna, lil habib tighi, jien ghedtlu biex jigi... Ikun haga sewwa li wiehed ihejji lil konvalexxent ghal dak li ser jiltaqa' mighu.

Anna : Tal-biza, tabib.... S'issa, jidher li huwa ghadu ma jssuspetta xejn... Miskin... Tommaso qisu tifel ckejken, daqqa jibki, ohra jidhaq.. Daloghodu stess qalli li kif ikun m'hux hazin, irid imur vileggatura, ghal xi xahar, fil-kampanja.

Sgra. Reis: Proprju ghal vileggatura se' imur.

Cimetta : (Kommoss) Imsejken Tommaso.

Lecci : Issa jew aktar tard, dan, irid isir... Hemm bzonn li jara lil Avukat... Il-konsekwenzi qeghdin/ hemm... jistennewh.

Anna : Sur Avukat, tahseb li dawn il-konsekwenzi ser ikunu gravi?

Cimetta : (Waqt li jaghlaq ghajnejh u jiftah idejh) Sinjura...

(Anna tghatti wicca b'idejha)

Lecci : Isaw, isaw,... issa m(hux il-waqt li noqoghodu nahsbu f'dan... S'issa, Tommaso jidher kalm... Sinjura, int m'osservajt xejn gdid mill-bierah l-hawn, hux veru?

Anna : Le, xejn.

Lecci : Tajjeb. Allura, mur fil-kamra tighu u flimkien ma' l-infermier ghejnuh jilbes u qajmuh mis-sodda... nirrikkmandalkhom... xejn ghaggla... kollox bil-mod.. Tajjeb? Attenta meta jkun fuq riglejh... osserva jekk ikunx ibaghti biex jaghti xi pass... Sa dan it-tant, jien u l-Avukat, immorru ghand il-Kummissarju... Ahna nergghu l-ura fi ftit minuti. Isa, isa, Sinjura Anna, ghamel kuragg... Issoltu, int mara kuraggusa hafna.

Anna : (Wicca bejn idejha) Inhoss li m'ghandix kuragg izjed... le... m'ghandhix kuragg izjed.

Cimetta : Eh, Sinjura... jehtieg.. jehtieg li taghmlu dan.

Lecci : Hemm bzonn, sinjura... Nitolbok li tissielet mighek in-nifshek.

Anna : (Taghmel kuragg lilha nfisha u waqt li tqum ftit fuq taghha:)

Hekku.... (Tipprova tidbissem) Tajjeb hekk? Allura, A rivederci, Sur Avukat. (Tohodlu b'idejh, imbaghad lit-tabib:) A rivederci, tabib... Int, mamà, x'sejra taghmel?

Sgra. Reis: (Irrabjata:) Jien sejra l-barra... Sejra biex ma nergax nirfes hawn gew....

Anna : Naf... naf... dan kont nistennieh...

Sgra. Reis: Addio.

Anna : Nirrikmandalhek lit-tfal, mamà... Sellili ghalihom...

(Anna tohrog mghaggla mill-bieb ta' fuq ix-xellug)

Cimetta : Miskina... naghli ghaliha... Bilkemm tingharaf.

Sgra. Reis: Imma, ma tistghux tehilsuha minnu l-lum stess? Ikolkhom hniena minn binthi... Huduh minn hawn... Huduh fejn ma tarahx izjed... Hawn m'hux postu iktar...

Lecci : Sinjura, dan id-dewmien huwa kwistjoni ta' gurnata... jekk m'hux il-lum, ghada. (Lil Cimetta) Din kienet koncessjoni straordinarja... Halliewh hawn... taht idejja Tassew li hawn l-ghassa fil-bieb... imma meta tiftakar fil vittma ....

Cimetta : Ghadni ma nistax nemmen... Qisni qed nohlom... Dik ix-xifajk ta' mara... Imbaghad x'inghidu ghar-ragel taghha... Bniedem bahnan... Indifferenti... Kien jaf li martu qegheda tidhaq bieh... Ma nafx kif issaporta dak iz-zmien kollu... Kien kalm.. qisu ma kien qed jigri xejn... ebda kelma... ebda mossa li trazzan lil dik id-demonju, imbaghad f'daqqa wahda, ghandu ikun, demmu beda ibaqbaq... Telaghlu f'rasu u ghal min? Ghal habib taghna Tommaso... (Idur fuq is-Sgra. Reis:) Imma, ghidli, sinjura... Kienu ilhom hbieb? Kif saru jafu lil xulxin?

Sgra. Reis: Il-kagun kien l-Imhallef, meta baghat lis-Sur Neri f'dan ir-rahal... Iva, li ma kienx l-Imhallef... Insejt x'jismu. Jekk ma nizbaljax... Làrcan.

Cimetta : Iva, Il-Prokuratur Làncan.

Sgra. Reis: Mata Neri wasal hawnhekk, gie ghand Tommaso b'ittra ta' introduzjoni li kitiblu l-Imhallef u b'hekk, saru jafu lil xulxin.

Cimetta : Jidhirli li Neri kien ghammed xi wiehed mit-tfal ta' Tommaso, hux hekk?

Sgra. Reis: Iva, l-ahhar wiehed li kellu... miet ftit ilu.

Cimetta : (Lil Lecci) Tifhem? Jien nghid li Neri kien jghajjen ukoll... Nghidilkhom, li imdejjaq kif kien jinsab, il-mewt, ghalieh, kienet l-isbah rigal, imma ara x'gara... ara kemm gwaj.

: (Anna tidhol mghaggla minn fuq il-bieb tax-xellug)

Anna : Tabib, talabni biex inhallieh johrog ftit mill-kamra tighu... Nista' ngibu ftit hawn?

Lecci : Jekk jiflah jimxi s'hawn, imma hemm bzonn li ma jidhabatx. Hu hsiebu int.. jekk ittieh siggu f'idejh, taghmel tajjeb, biex jekk riglejh ma jifilhuhx, ikun jista' jistrieh mighu... Nirrikkmandalhek, sinjura... attenzjoni.

(Idur fuq is-sinjura Reis, u: ) Sinjura, int tista' tigi maghna ukoll.

Sgra. Reis: Iva, ahjar... m'irridx nibqa' hawn... Addio, Anna...

(Tohrog mill-bieb ta' fuq il-lemin)

Lecci : (waqt li jaghti l-ewwel pass biex jitlaq) Imxi, Sur Avukat... Ghaddi, ghaddi, xejn cerimonji.

Cimetta : A rivederci, sinjura.

Anna : A rivederci. (Lil Lecci) Qabel titlaq, tabib... ghamilli favur... Ghid lil Pulizija biex ma jhalliehx jarah.

Lecci : Tajjeb.... Ghalkemm forsi....

Anna : Le... Ahjar m'hux ghall-issa...

Lecci : Allura, ipprova int... dan hadd ma jista' jaghmlu ahjar minnhek.

Cimetta : Sewwa qed jghidlek, sinjura.

Lecci : Kif ikollhok l-ewwel okkazjoni, tgharraflu xi haga....

Anna : Imma kif? Kif nibda naghmel?

Lecci : Xejn, xejn, sinjura... Ahna dal-waqt inkunu hawn... A rivederci.

(Johrog ma' Cimetta. Anna tipprepara l-pultruna ghal konvalexxent u terga' tidhol mill-bieb ta' fuq ix-xellug, waqt li thalli l-bieb miftuh bil-purtiera migbuda fuq inaha tal-genb. Wara ftit, mghejjun minn Anna u mill-Infermier, jidhol in-xena Tommaso Corsi. Jidher ragel twil u ta' apparenza sabieha. Wiccu jidher pallidu u serju imma ghajnejh jidhru ileqqu, dahqana. Kultant jieqaf biex jiehu n-nifs li dan jidher batut. Fuq xuftejh tidher dbissima helwa. Fuq daru ghandu mitfuh glekk. Il-qmis tidher miftuha u minn tahta jidhru xi faxex bojjod li qed jghattu l-ferita. Anna u l-infermier iressquh lejn il-pultruna u iqegheduh bilqegheda. Kif joqoghod, jiehu nifs qawwi, bhal wiehed li issa qed ihossu mistrieh)

Tommaso : Ah!... Kemm hu ahjar hawnhekk... Kemm hu isbah... Imma, qed nosserva li hafna affarijiet ma kienux hawn qabel.. Iva.. dik il-gradenzina... ma kienitx hemm ... (Jindika l-iskrivanija) Dik il-habiba tighi... u din l-istess pultruna li fuqha kont noqoghod naqra l-gurnali...

: (Iħares madwaru, josserva l-għamara) Iva... Kollox għadu hawn... (Iħoss weġgħa kbira) Ahi!....

Anna : X'gara?

Tommaso: Xejn... intlewejt ħażin... Weġgħa okejkna.. Stenna, ħalli nserraħ ftit dahri.

Anna : Iva, aħjar... Ħalli nqegħedlek dal-kuxxin. (Tkun ser iġġib kuxxin minn fuq il-pultruna l-oħra)

Tommaso: Le, le, m'hemmx għalfejn.... imma, iva, aħjar.

Anna : (Lill-Infermier) Aħjar iġġiblu dak li hemm fejn is-sodda u miegħek ġiblu wkoll ~~xi/xxkxgxxxxxx~~ xi gverta.

Tommaso: Dik il-ħadra li hemm fuq is-sodda.

Anna : Iva, dik li hemm fuq is-sodda.

(L-infermier jidħol u wara ftit jerġa' jidħol bil-kuxxin u bi gverta ħadra. Anna tqiegħed il-kuxxin wara dahru waqt li l-infermier iqiegħed il-gverta fuq riġlejn Tommaso.)

Tommaso: (Waqt li jibda jżiegħel bil-gverta) Ah!... Kieku taf kemm inħobbok... Int għaġħaltni nħolom ħafna ħolm sabiħ... Meta fuq dan l-aħdar kont nilmaħ idi, imbagħad inressaqa' lejn wiċċi, kont naraha iżjed bajda... kont naraha tirtogħod F'dak il-ħin sibt ruħi f'weġgħa kbira, waħdi, f'hemda talmewt, b'dan kollu, ħassejtni kalm, kollox kien imbiegħed minni... iva, jiena kont fil-bogħod... fil-bogħod ħafna... U dal-pil aħdar, bdejt nisthajlu l-kampanja... Ħassejtni imdawwar bil-ħdura ... bil-ħxejjex... bi frott l-iżjed bnin... Iva, ħassejtni f'hena li ma titfissirx... Kollox ġdid... xejn tas-soltu... Il-ħajja nhossa ser tibda minn issa... Le... kont insejt.... F'daqqa waħda, smajt karrozza għaddejja minn ħdejja u xi ħadd qalli: "Qum minn-ngħas tiegħek u oħroġ iġri mat-toroq... Il-ħajja, fi żminijietek għaġħalitek it-terqaq magħha l-quddiem, iva, dejjem il-quddiem" Dan, kien kontra r-rieda tiegħi u allura għajnejja reġgħu marru fuq din il-gverta... Iva, il-ħajja, għalija, ser tibda minn issa... (Iħares lejn Anna) Qegħeda tibki?

Anna : (Waqt li tħares band'oħra biex taħbi wiċċa) Tagħtix kas, tagħtix kas, Tommaso.

Tommaso: (Lill-Infermier, kważi b'daħqa fuq xuftejh) Qegħeda tibki.... (Pawsa) Jimporta twarrab ftit? (L-Infermier jirtira mill-bieb ta' fuq ix-xellug) Anna!.... (Kif din tersaq lejh, dbaxxi rasha fuqu, b'għajnejha fgati bid-dmugħ) Għaliex? (Pawsa, imbagħad bħal wieħed imħasseb:) Allura... Allura għadhek ma ħfirtlix? (Jaqbdilha ida u jqegħeda fuq għajnejh. Anna tiġdem xuftejha, waqt li għajnejha jidhru fgati bid-dmugħ. Bħall-issa, ilsiena donnu li żammila. Ma tistax tgħid kelma waħda; allura tommaso mill-ġdid ineħħi ida minn fuq għajnejh u jistaqsieha:) Ma ħfirtlix?

Anna : (Kważi ittemtem:) Jien? Jien iva....

Tommaso: Allura? (Jaqbdila wiċċa u jiġbida lejh bil-ħlewwa) Inħoss li ma nkunx qed ngħid kelma b'oħra jekk ngħidlek

: li qatt... qatt, f'qalbi, fi hsibijieti ma riedt nidhaq bik.

Anna : (Tingibed l-ura biex huwa jkun jista' joqoghod izjed kommodu, waqt li tikkarezzalu xaru) Naf, naf... imma, issa, oqoghod kwiet... il-kliem jaghmillek hazin.

Tommaso: Dak li gara kien disgrazzja...

Anna : Iskot... Ikollok hniena... Tahsibx izjed fuq dak li gara.

Tommaso: Jien irrid nghidlek kollox...

Anna : M'irrid nisma ebda kelma... Le, tghidli xejn... Jiena naf... kollox naf.

Tommaso: Imma, jien, xtaqt nurik li....

Anna : M'hemmx ghalfejn.

Tommaso: F'dak il-waqt, meta Neri ssorprendieni.....

Anna : Ieqaf... Tkomplix, Tommaso, nitolbok.

Tommaso: Jekk tassew hfirtli, int tista' tahseb fiex sibt ruhi.

Anna : Iva, iva... imma issa, bizzejjed.

Tommaso: Dak l-iddisgrazjat, zball ckejken li jiena ghamilt, ried jaghmel minnu kapital ... darbtejn ittanta joqtolni...

Anna : Neri??? Possibbli???

Tommaso: Iva, darbtejn... Darbtejn gie fuqi bl-arma f'idejh biex joqtolni... F'dak il-hin, hassejt li ghandi niddefendi ruhi... Ma stajtx naghmel iehor... Emminni, Anna, ma stajtx... Int tifhimni... Inhallieh joqtolni ghal dik li kienet qegheda hemm... Thares lejna bla ma tghid kelma wahda... Le, ma stajtx. Ghalik, riedt nehles mill-mewt... Tlabtu bil-hniena...Kien qisu mignun... Intafa fuqi bhal kelb irrabjat u jien... meta rajt li ma rnexxilix inqum minn tahtu, il-misthija ~~xxxxxxx~~ telfitni l-hila... Sparali l-ewwel tir... B'xorti tajba, il-balla ghaddiet minn fuq rasi... Bdejt nghajjat: "X'inti taghmel???" F'dak il-hin kont qisni miblugh... Bdejt nidhaq, ma stajtx nemmen li kont qed nilghab hajti... Jien ma riedtx immut b'dik il-maniera... F'dak il-hin, jien ma riedtx inkun fil-kamra tighu... kont hemm ghaliex sejhitli dik id-demonju... Hija sejhitli bi skuza....

Anna : Qieghed tara kemm qed tidhabat? Isma minni, Tommaso...Iskot. qed taghmel hazin hafna ghal sahhtek.

Tommaso: (Bla ma jaghti kaz taghha) F'dak il-hin, bdejt niftakar fik. f'uliedi... fix-xoghol tighi... imbaghad, f'daqqa wahda, ghaddiet minn ma wicci, balla ohra... Hawn intlieft minn sensija ~~xxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxxx~~.. Ma nafx li sparajt fuqu... f'salt wiehed rajtu f'riglejja... kien kollu dmija... Hawn, intbaht li jiena kelli l-pistola f'idejja... kienet ghada shuna... Il-biza ha sehgha minni... Hassejtni qed nifga... Harist lejn dak il-katvru... Imbaghad lejn dik it-tieqa li ftit ilu kienet giet skassata... Bdejt nisma il-hsejjes tat-

: traffiku... il-kant... l-ghajjat tat-tfal... Ma flahtx izjed... quddiem ghajnejja, dalma kbira u b'dik l-istess arma....... (Hawn jitlaq rasu l-ura ma dhar il-pultruna, esawrit)

Anna : Rajtx kif int ma tiflahx titkellem... Isma minnhi, Tommaso... Alla tighi!... Xi g ralek?

Tommaso: Jien, ma grali xejn... Ftit ghejja biss.

Anna : Trid nerga' niehdok fis-sodda?

Tommaso: Le.. Hawn qieghed ahjar... Issa, ghaddieli... Qed inhossni ahjar minn qabel... Anna, issa, irrid insewwi l-izbal tighi.. Nixtieq nghidlek kif gara l-kaz... Kif jien kelli bilfors noqtlu...

Anna : Iskot, Tommaso... Nitolbok, tergax tibda... Dawn l-affarijiet int..... (Tieqaf ghaliex tintebah li wasal it-tabib u l-avukat) Ah!.. Hekku, it-tabib wasal... Tommaso, dak il-kliem li ghedtli, issa ghidu lil dawn is-sinjuri....

Tommaso: (Ghal dal-kliem, donnu li jiftakar xi haga...jintrefa' ftit fuq mingbu u jhares fiss lejn it-tabib u lejn l-avukat li bhall-issa jinsabu resqin lejh)

Ghandhek ragun... Il-Guri... Iva, jien irrid nghaddi guri...

(Jaqa bilqegheda esawrit)

Lecci : (Jersaq lejh) Ikkalma, ikkalma... Formalità, formalità, xejn izjed.

Tommaso: (Lilu n-nifsu, waqt li jhares lejn is-saqaf) Liema kastig jista' jkun akbar minn dak li tajt lili n-nifsi?

Cimetta: Eh, habib... Dak m'hux bizzjeed... Dak ma jiswa xejn.

Tommaso: M'hux bizzejjed? Ma jiswa xejn? Allura? (Juri li fehem x'ried jghid) Iva.. Ghandek ragun... Temmnuni? Minghalija li ghadda kollox.... (Kommoss, jgholli dirghajh u jhaddan mighu lil Anna) Anna.. Anna... Jiena mitluf!.. iva, mitluf....

Lecci : Le, le... Imma, ghaliex qed tghid hekk? Min qalulek dan?

Tommaso: Dak li ghad irid jghaddi minghalija... Iva, jiena mitluf... Il-guri.. L-arrest tighi... Imma kif, dan, ma ftakartx fieh qabel? Dan huwa wisq izjed gravi minn dak li sofrejt. Ghidli, ghidli, Sur Avukat ... X'ser isir minni? Jiena qtilt, imma ma qtiltx bniedem komuni... Qtilt lil Prokuratur tar-Re.

Cimetta: Wiehed jipprova juri li li huwa kien jaf bit-tort ta' martu.

Anna : Dan jistghu jixhduh hafna nies, Sur Avukat.

Cimetta: Il-hazin hu lix-xhieda tighu ma teziztix... Neri jinsab mejjet u l-Qorti ma tistax issejjahlu biex ittieh il-Gurament u jaghti x-xhieda tighu. X'jiswa li wiehed

: jghid quddiem il-Qorti li Neri kien jaf bl-agir ta' martu, meta c-cirkostanzi jixhdu l-kuntrarju? Il-fatti juru li huwa ma kienx kuntent b'dak li kien qed isir, tant li dahal ghalgharrieda f'daru u gara dak li gara. Int, tista' tghidli: "Imma, jien stajt inhallieh joqtolni?" Le." Hawn jkolli nghidlek li jekk int riedtu jirrispetta dan id-dritt, int ma kien imissek qatt thallieh isibek f'daru, ma' martu. Bl-agir tighek int tajtu d-dritt li jiddefendi ruhu... li jiddefendi l-unur tighu... Int esponejt ruhek ghal periklu u ghalhekk ma kienx imissek taghmel dak li ghamilt... Int ghandek zewg akkuzi.

Tommaso: (Jipprova jitterrompieh) Imma jien....

Cimetta: Hallini nkompli... L-ewwelnett, meta int dhalt f'daru, kien imissek thallieh jikkastigak... Neri kien ir-ragel offis u ghalhekk dan id-dritt kien tighu... Int, minfuq, qtiltu.

Tommaso: Ma stajtx naghmel iehor... Kieku ma qtiltux, kien joqtol lili.

Cimetta: Imbaghad, biex tkompli tkabbar il-htija, int, ippruvajt tnehhi hajtek b'idejk.

Tommaso: Allura dan, m'hux bizzejjed?

Cimetta: Le, bil-maqlub... dan l-agir, kif ga ghedtlek ikompli ikabbar il-htija.

Tommaso: Iva... Ghandek ragun....

Cimetta: Meta int ippruvajt is-suwicidju, int gharaft il-htija tighek.

Tommaso: Iva u ippruvajt nikkastiga lili n-nifsi.

Cimetta: Le, habib... Jiena nghidlek l-int ippruvajt tehles mill-kastig.

Tommaso: Imma, meta jien stess riedt innehhi hajti, x'kastig hemm akbar minn dan?

Cimetta: Li kieku int tinsab mejjet, kont nghidlek li ghandek ragun, imma int ghadek haj.

Tommaso: Ah!... Allura din hi l-htija tighi... li ghadni haj.... (Iwarrab ftit lil martu biex ikun jista' jara tajjeb lit-tabib) Imma jien, kieku dan ma salvanix, jien ninsab mejjet.

Lecci : (Imfixkel) X'ghedt? Jien?

Tommaso: Int.. iva int....Jien ma riedtekx tikkurani... Int dewwejtni kontra r-rieda tighi... B'kull mod, int riedt terga' ittini l-hajja... Wigibni, tabib... Ghalfejn ghamiltu dan, la darba, issa......

Lecci : Bil-mod... ikkalma... Jaghmillek hazin tagita ruhek daqshekk.

Tommaso: Nirringrazzjak, tabib... Il-fejqan tieghi, ghalik, ifisser hafna xorti. Ismaghni, Sur Avukat... Jiena, mighek, irrid nirraguna... nirraguna bla ma nagita ruhi, ghaliex allura, it-tabib jiddispjacieh... Jiena kont qtilt lili n-nifsi... Gie hawn il-habib taghna (Jindika lit-tabib) u beda l-hidma tieghu... Irnexxielu jehlisni mill-mewt... Issa,irrid naghmillek dil-mistoqsija u r-ridek twigibni bis-sincerità kollha... bla qerq... B'liema dritt ghamlu dan?

Lecci : (Ikkonfondut, u bi dbissima sfurzata fuq xuftejh) Hekku, il-grazzi li niehdu mill-pazient, ahna t-tobba... kliemek jesprimi rikonoxxenza.

Tommaso: U ta xiex tridni nirringrazzjak? Ma smajtx x'qalli ftit ilu l-Avukat?

Lecci : Kif trid tghid int, jiena kelli nhallik tmut, hux veru?

Tommaso: Precisament... thallini immut la darba int ma kellekx setgha li tiddisponi mill-hajja li jiena kont qriedt u li in irgajt tajtni mill-gdid.

Lecci : Ghidli, kif riedtni niddisponi... Insejt li fin-nofs hemm il-Ligi?

Tommaso: Mill-Ligi, jiena kont hliest ghaliex ikkastigajt ruhi wisq izjed milli kieku ikkastigatni hija stess. Il-lum, m'hemmx izjed il-piena tal-mewt ghal dak li jnehhi hajja ta' bniedem... Jien, kieku ma nthaltx int fin-nofs, ninsab mejjet.

Lecci : Imma, Sur Tumas, jien ghandi d-dmir tal-professjoni tieghi... Dan, lili, jgaghalni nuza l-mezzi kollha biex nehles lil bniedem mill-mewt... Id-dmir tieghi kien li nsalvak.

Tommaso: Biex imbaghad, tikkunsinnani f'idejn il-Gustizzja biex din tikkundannani, hux tassew? Tabib, irridek twigibni ghal dil-mistoqsija: B'liema dritt tezercita d-dmir tieghek ta' tabib fuq bniedem li ried imut, la darba s-Società ma t-tikx id-dritt li thallieh jghix il-hajja l-int tkun tajtu mill-gdid?

Gaetta: Imma skuzi... Xi tghidli ghal htija l-int ghandek quddiem is-Società?

Tommaso: Htijieti hallasta bl-istess demmi... M'hux bizzjeed daqshek Jiena qtilt u wara qtilt lili n-nifsi... Das-sinjur, ghalie tabib, ma hallinix immut... Jien, issiliett mighu;ma riedtux jfejjaqni... Tliet darbiet qattajt minn fuqi il-faxex li bihom kien qed idewwini... Issa, ninsab hawn... imfejjaq... imwieled mill-gdid,~~kikkkix~~ dejjem bil-hila ta' dan is-sinjur... Issa,jien, sir tbniedem iehor... Ghidli, kif tridni nistakka ruhi ghal mument wiehed biss minn dik il-hajja li ghalija m'ghadiex tezizti? Ir-rimors ta' dak il-mument, meta jien nehhejt hajja ta' bniedem, jiena taffejtu... b'demmi kont ser inhallas il-htija tieghi.... Int... rgajt tajtni hajti... u allura dil-hajja, lili, ittini d-ritt li nghix ghal familja tieghi ... li nibda nahdem ghall-uliedi... Nista' naghmlu, dan, tabib?
~~Kifxtridni~~

: Int ser tibaghtni f'cella biex inhallas delitt li jiena qatt ma kelli hsieb naghmlu... Kieku jien ma gejtx imkaxkar mill-harsa ta' dik il-mara, qatt ma kont nasal f'dik id-dar... U issa, bil-kalma kollha... b'demmhom biered... dawk li japprofittaw ruhhom mix-xjenza tighek, minn dak id-dmir tighek li gaghalek izzommni haj qed jistennewk tikkunsinnani f'idejhom biex jikkundannawni ... biex jtifghuni f'cella, bla ma nista naghmel xejn...Jiena ikolli nghaddi hajti fil-ghass... iva, f'ghass li ma jintemm qatt u uliedi... uliedi li m'ghandhom ebda htija, issa jsibu ruhhom fil-mizerja... fil-ghajb... B'liema dritt? Wigibni, b'liema dritt taghmlu, dan, tabib?

(Jipprova iqum, irrabjat, b'ghajnejh fissi fuq it-tabib, imbaghad meta jara li ma jistaxiqum, jghajjat:)

Bniedem mishut!....

(Subghajh, bhall-issa jidhru iggranfati f'wiccu, imbaghad jerga' jintelaq ma' dhar il-pultruna, konfus, jipprova jibki imma ma jistax. B'dan l-isfors jibqa' bhal wiehed sturdut, ihares, mitluf lejn dawk li hemm ma dwaru. F'wiccu bhall-issa jdhmu l-istampi li hallew subghajh)

Anna : (Imbazza, tigri lejh. L-ewwel terfaghlu rasu fuq grieghha, imbaghad, mghejjuna minn Cimetta, tittanta tqajmu, imma, imwerwra, tigbed ida l-ura minnufieh, b'ghajta ta' biza. Il-qmis, in-naha ta' fuq sidru tidher imcappsa bid-demm tal-ferita)

Tabib!... Tabib!....

Cimetta: Iva... Regghet infethitlu l-ferita.

Lecci : (Jghatti ghajnejh b'idejh; miblugh:) Il-ferita???

(Bla ma jrid, jersaq lejn il-pultruna, imma jigi mwaqqaf minnufieh minn hoss rawk ta' Corsi... hoss minaccjus u bhal wiehed li ma jiflahx izjed, jaqa' fuq pultruna, b'idejh mitluqa:)

Iva... Ghandu ragun... Imma jien... jien ... le... le... jien ma nistax... le, ma nistax....

<u>Siparju.</u>